MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 426/2005

**Mary Ann Borg bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri Daniel Borg**

**vs**

**Korporazzjoni EneMalta u Charles Bonello**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attrici fl-4 ta' Mejju, 2005 li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-attur huwa l-unika iben tal-mejjet Joseph Borg [vide annessi Dok ABl u Dok AB2], u ghalhekk huwa l-unika werriet ta' l-istess Joseph Borg;

Illi l-imsemmi Joseph Borg miet nhar il-21 ta' Ottubru 2002, waqt li kien qieghed jaghmel xi xoghol fuq bejt ta' garaxx sitwat fi Triq il-Maqdes Ruman, Mtarfa;

Illi l-mewt ta' Joseph Borg giet kagunata minn xokk elettriku;

Illi dan l-incident sehh unikament b'tort tal-konvenuti, u dan minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tas-sigurta fuq il-post tax-xoghol;

Illi l-attur sofra u qieghed isofri danni in konsegwenza tal-mewt ta' l-imsemmi Joseph Borg;

Talbet li il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, unikament responsabbli
ghall-incident li sehh fil-21ta' Ottubru 2002 fuq bejt ta' garaxx li jinsab
gewwa Triq il-Maqdes Ruman, Mtarfa, u ghad-danni kollha li sofra l-
attur b'rizultat tal-istess incident li wassal ghall-mewt ta' missieru;

2. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-istess incident;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur dak l-
ammont dikjarat u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti bhala dovut in
linea ta' danni;

Bl-ispejjez, u l-konvenuti ngunti ghas subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi

1. Preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Korporazzjoni Enemalta mhijiex assolutament responsabbli ghall-akkadut;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Bonello, li in forza taghha huwa eccepixxa illi :

1. L-ewwel talba attrici noe kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tal-eccipjent;

2. It-tieni talba tal-attrici noe ghandha tkun rigettata wkoll billi fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici noe;

3. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tkun michuda stante li l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attrici noe;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Charles Bonello;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghal sentenza preliminari ghallum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta.

Rat l-affidavit ta' Dr Damian Degiorio fejn xehed illi ilu impjegat mal-korporazzjoni konvenuta sa minn Awissu

2001 u li illum il-gurnata jokkupa ir-rwol ta’ segretarju tal-Bord, kif ukoll ta’ Manager legal office. Huwa xehed illi kwalsiasi att gudizzjarju jigi notifikat direttament mill-ufficjali tal-Qorti lilu u xi att gudizzjarju iehor li jigi notifikat permezz ta’ mezzi ohrajn jigi riferut lilu direttament. In riferenza ghall-kawza odjerna, Dr Damian Degiorgio xehed illi kif jirrizulta mill-atti l-incident in kwistjoni sehh fil-21 ta’ Ottubru 2002 u l-korporazzjoni konvenuta giet interpellata gudizzjarjament biss permezz tac-citazzjoni odjerna; liema citazzjoni giet ipprezentata l-Qorti fl-4 ta’ Mejju 2005 u giet notifikata lill-korporazzjoni konvenuta fl-10 ta’ Mejju, 2005.

Illi ghalhekk skond ix-xhud jirrizulta li bejn id-data tal-incident u d-data li fiha l-korporazzjoni konvenuta giet interpellata permezz ta’ din il-kawza ghaddew aktar mis-sentejn stabbiliti mill-Ligi, a tenur tal-Artikolu 2153 imsemmi mill-Korporazzjoni konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha. Huwa xehed ukoll illi ghal kull buon fini ma ittiehdet l-ebda azzjoni ta’ natura kriminali kontra l-korporazzjoni konvenuta jew rapprezentanti taghha in konnessjoni ma dan l-incident peress illi irrizulta mill-inkjesta magisterjali illi ma giet ippruvata ebda xrara ta’ htija jew negligenza f’Caruana jew Bonello ghall-incident li sehh u l-inkjesta ikkonkludiet illi Joseph Borg miet kawza tan-negligenza tieghu stess u ghalhekk l-inkjesta ma kellhiex tigi prosegwita ulterjorment.

Ikkunsidrat :

Illi gie ippruvat mill-provi prodotti illi l-incident in kwistjoni sehh fil-21 ta’ Ottubru, 2002 u dwar dan il-fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni.

Illi l-Qorti rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta u semghet ukoll l-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-korporazzjoni konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi bazikament is-sottomissjoni tal-korporazzjoni EneMalta hija fis-sens illi din il-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2153 tal-Kodici Civili, u dana peress illi ma jirrizultax illi bejn l-atturi u il-Korporazzjoni EneMalta kienet tezisti xi relazzjoni kuntrattwali u peress ukoll illi l-akkadut ma jistax jitqies bhala delitt u ghalhekk skond il-Korporazzjoni konvenuta, l-azzjoni tal-atturi kontra l-Korporazzjoni EneMalta ghandha titqies bhala azzjoni akwiljana li inkwantu ghall-terminu ta' preskrizzjoni hija regolata mill-Artikolu 2153 illi jippreskrivi t-terminu ta' sentejn illi fih ghandha tittiehed azzjoni gudizzjarja. Ghalhekk il-korporazzjoni konvenuta issostni illi peress illi ghaddew ferm aktar minn dawn is-sentejn u il-preskrizzjoni ma gietx interrotta jew sospiza bl-ebda mod, il-kawza odjerna hija preskritta.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tissottometti invece illi l-azzjoni hija regolata mhux mill-Kodici Civili, izda mill-Kodici Kriminali, u dan johrog mill-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili illi jghid illi d-danni ikkagunati b'reat mhumiex regolati mill-Kodici Civili, izda mill-Kodici Kriminali, u l-Kodici Kriminali jghid illi dak li jigri kagun ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti huwa reat punibbli b'perjodu ta' prigunerija ta' sentejn u ghalhekk, skond l-attrici, dan huwa regolat b'Artikolu 688 tal-Kodici Kriminali illi jippreskrivi terminu ta' preskrizzjoni ta' hames snin u b'hekk, skond l-attrici, kawza civili ghad-danni ibbazata fuq omicidju involontarju hija regolata b'terminu ta' preskrizzjoni ta' hames snin u mhux ta' sentejn, u dan minkejja l-fatt illi l-inkjesta magisterjali ikkonkludiet illi l-incident illi tort tieghu miet Joseph Borg sehh tort ta' l-azzjoni negligenti ta' l-istess Joseph Borg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici fit-trattazzjoni taghha semmiet tlett decizjonijiet u senjatament sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Joseph Zammit vs Joseph Bonello, sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet Mary Agius pro et noe vs Kummissarju tal-

Pulizija u sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-15 ta’ Jannar 2002 fl-ismijiet Carmelo Micallef St John et vs Richard Spiteri, u dan in sostenn tal-argument taghha fis-sens illi jekk il-fatt illi jikkostitwixxi l-azzjoni li fuqha hija ibbazata l-kawza civili huwa punibbli mill-Qorti kriminali, il-perjodu preskrittiv huwa dak regolat mill-Kodici Kriminali u mhux dak regolat mill-Kodici Civili.

Illi pero’ l-Qorti rat dawn is-sentenzi u irrizultalha illi fil-kaz odjern ma ghandniex l-istess sitwazzjoni ghaliex ma hemm l-ebda proceduri kriminali li jistghu jittiehdu skond ir-rapport tal-Magistrat Inkwirenti illi jinsab esebit f’dawn il-proceduri. Il-Qorti inoltre tirrileva illi l-istess attrici tidher illi qablet mar-rapport tal-Magistrat Inkwirenti ghaliex ma jirrizultax illi hadet xi passi sabiex timpunja tali konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-Artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u mhux l-Artikolu 2154 kif qeghda isostni l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qrati taghna dejjem irritenew illi “il-preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta’ l-Ordinanza V11 tal-1868 (illum Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali, jigifieri id-danni illi jirrizultaw mhux minn inadempjenza ta’ obbligazzjoni izda ‘ex delictu vel quasi’.

Illi meta d-danni huma ‘ex contractu’ ghaliex ikunu jirrizultaw minn vjolazzjoni ta’ xi obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta’ hames snin u mhux ta’ sentejn”. (vide Vol. XX1X P1 p1340)

Illi il-preskrizzjoni ghal ghemil illecitu li ma jammontax ghal reat hija dik ta’ sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti tat-22 ta’ Mejju, 2003 fl-ismijiet Giovanni sive Vanni Laurenti et vs Mapa Holdings Ltd fejn gie deciz illi l-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bilfors konsegwenza ta’ inadempiment ta’

xi obbligazzjoni li tohrog mill-kuntratt.) Il-preskrizzjoni ta' tali ghemil illecitu, li ma jammontax ghal reat, hija dik ta' sentejn taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi permezz ta' sentenza moghtija fid-29 ta' April, 2005 fl-ismijiet Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe gie deciz illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar illi l-azzjoni tista tigi ezercitata. Ghalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-obbligazzjoni tal-konvenut li jhallas il-kumpens ghall-okkupazzjoni tieghu tal-fond in kwistjoni u meta twieled ir-relattiv dritt ta' l-attur biex jagixxi kontra tieghu fuq dina l-kawzali. Gie deciz li il-preskrizzjoni kienet tibda tiddekorri mill-mument li s-sentenza li ordnat l-izgumbrament ghaddiet in gudikat billi kien f'dak il-mument li l-azzjoni setghet tigi ezercitata.

Illi permezz ta' sentenza ohra ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' April, 2003 fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud gie deciz illi ghal finijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel.

Illi f'dan il-kaz il-mewt grat fil-21 ta' Ottubru, 2002 u hija minn dik id-data illi beda jiddekorri il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn. Ic-citazzjoni odjerna gietipprezentata mill-attrici fl-4 ta' Mejju, 2005 u ghalhekk wara illi iddekorra il-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz odjern.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta, tiddikjara illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u tichad it-talbiet kollha attrici; Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------